MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Numru. 83/2015

**Il-Pulizija**

**[Spettur Frankie Sammut]**

**vs**

**Kone Daouda**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Kone Daouda detentur tal-karta tal-identita` Taljana numru AS 9160954.

Akkuzat talli:

> Fis-26 ta' Jannar 2015 u jew fil-granet ta' qabel f'Malta iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport jew dokument, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Bangaly Sissoko
>
> Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija
>
> Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn dokument mahrug lil persuna ohra, cioe dak diga msemmi
>
> Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni
>
> Ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita` legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti pprezentanti; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 4 u 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 32(1c) u 32(1d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Kone Daouda hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li l-imputat ser jigi ripatrijat lura l-Italja b’mod immedjat tikkundannah ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal tliet (3) snin.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------